**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 238/2021 RM**

**Josephine Abdilla (103660M)**

**-Vs-**

**Matthew Vella (279980M)**

**Illum 23 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Josephine Abdilla (103660M) ta' 13, Triq il-Bies, San Ġwann, tal-25 ta' Awwissu 2021 fejn talbet lill-Qorti sabiex, prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut, Matthew Vella, hu responsabbli bħala editur u kittieb għall-pubblikazzjoni ta' żewġ artikoli, u ċioe' artikolu ippubblikat fil-gazzetta MaltaToday tat-8 ta' Awwissu 2021 taħt it-titolu "Whistleblowers pressured to favour select MCAST teachers" (DOK. A) kif ukoll fuq is-sit elettroniku tal-istess MaltaToday nhar id-9 t'Awwissu 2021 (https://www.maltatoday.com.mt/news/national/111375/whistleblowerspressuredtoselectfavouredmcastteachers#.YSSikI4zY2w) (DOK. B u DOK. B2), u artikolu ulterjuri ippublikat fil-gazzetta MaltaToday tal-15 ta' Awissu 2021 u sussegwentement fuq is-

sit elettroniku tal-istess MaltaToday fit-18 ta' Awwissu 2021 taht it-titolu '**Bribery allegation was 'joke' yet former MCAST executive may still be on payroll**' (https://www.maltatoday.com.mt/news/national/111490/bribery allegation was joke yet former MCAST executive may still be on payroll#.YSSK114zY2w) (DOK. C), liema pubblikazzjonijiet entrambi jikkostitwixxu malafama u libell fil-konfront tal-attriċi stante illi l-asserzjonijiet hemm maghmula huma għal kollox infondati w inveritieri, u dan kif ser jigi muri waqt is-smiegh tal-proċeduri odjerni, u huma wkoll malafamanti u libelluzi anke għaliex jirriżulta biċ-ċar li dawn kienu ntizi sabiex *inter alia* itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-istess rikorrenti, tikkundanna lill-konvenut Matthew Vella iħallas kwalunkwe somma li tigi likwidata, u dan b'riżerva għal kull danni ulterjuri li jistgħu jiġu subiti mill-attriċi b'konsegwenza diretta jew indiretta tal-artikolu in mertu.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subbizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Matthew Vella (ID 279980M), ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2021 fejn ġie eċċepit:-.

1. *Preliminarjament, l-attriċi għandha tindika b'mod preċiz liema brani u/jew kummenti tqis malafamanti fil-konfront tagħha.*

2. *L-imputazzjonijiet li saru mill-esponent fil-pubblikazzjoni mertu tal-kawża huma sostanzjalment veri, l-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz;*

3. *In oltre', il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponent kien qed jaqdi korrettement id-dmirijiet tiegħu li jirraporta dwar aħbar ta' importanza pubblika f'socjeta' demokratika li tħaddan bi sħiħ il-liberta` tal-espressjoni.*

4. *Mingħajr preġudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*

5. *In oltre, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attriċi fit-18 ta' Ottubru 2022;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ppreżentata mill-konvenut fit-30 ta' Novembru 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attriċi, Josephine Abdilla, qiegħda timpunja bħala malafamanti u libellużi diversi stqarrijiet li saru f'żewġ artikoli ppubblikati wieħed fil-ħarġa ta' Maltatoday tat-8 ta' Awwissu 2021[1] bit-titolu "*Whistleblowers pressured to select favoured MCAST teachers*" (u wkoll, f'paġna 13 tal-gazzetta: "*Sacked MCAST executive influenced selection of teachers*"), u l-ieħor fuq is-sit elettroniku tal-gazzetta, maltatoday.com.mt fit-18 ta' Awwissu 2021, bit-titolu "*Bribery allegation was 'joke' yet former MCAST executive may still be on payroll*".

**Il-fatti li joħorġu mill-provi u l-atti tal-kawża** juru illi l-attriċi kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' 'Head of Human Resources' fl-MCAST, kariga li damet tokkupa mill-

---

[1] Dok. A anness mar-Rikors promotur u pubblikat ukoll fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt fid-9 ta' Awwissu 2021, Dok. B.

2015 sa Lulju 2018.  juru li hija tpoġġiet fuq *leave with pay* fit-23 ta' Lulju 2018 u ġiet ukoll sospiża milli tkompli twettaq dmirijietha b'effett mill-31 ta' Lulju 2018. Dan in segwitu għal ilmenti li saru fil-konfront tagħha minn impjegati tal-Kulleġġ iżda fuq kollox, abbażi ta' rapport li sar fost oħrajn lill-Grievance Officer tal-MCAST, ċertu Anthony Saliba, minn membru tal-bord li jikkonduċi l-intervisti għar-reklutaġġ ta' staff ġdid fl-MCAST, fejn ġie allegat li l-istess attriċi ppruvat f'diversi okkazzjonijiet tinfluwixxi l-membri tal-bord fil-proċess tal-għażla ta' kandidati għal-pożizzjoni ta' għalliema fl-MCAST.

Jirriżulta illi fis-27 ta' Luju 2018, il-Ministru tal-Edukazzjoni ħatar Bord ai termini tal-Artikolu 4(i) tal-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) biex *inter alia*, jinvestiga allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet u korruzzjoni fl-operat tal-MCAST u ta' aġir skorrett ta' ċerti uffiċjali.  Dan il-Bord ta' Inkjesta ("il-Bord") ħejja rapport, datat 5 ta' Marzu 2019, bil-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tiegħu u għadda kopji ta' dan ir-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, il-Ministru tal-Edukazzjoni, is-Segretarju Permanenti f'dan il-Ministeru u t-tmexxija tal-MCAST.

Minn eżami ta' dan ir-rapport, jirriżulta illi l-Bord investiga l-allegazzjonijiet speċifiċi li saru mill-attriċi odjerna f'ittra datata 16 ta' Lulju 2018, indirizzata lill-Prinċipal tal-MCAST, Prof James Calleja, "*b'allegazzjonijiet serji ta' abbużi kriminali u amministrattivi minn uffiċjali fl-MCAST*", f'serje ta' *email*s mibgħuta mill-attriċi lill-Ministru tal-Edukazzjoni bejn l-20 ta' Lulju 2018 u l-24 ta' Lulju 2018, kif ukoll f'*email* li ntbagħat lill-Ministru mill-Prinċipal il-gdid tal-MCAST, Frederick Schembri fl-24 ta' Lulju 2018 b'allegazzjonijiet ulterjuri li saru mill-attriċi.

Fl-istess waqt, billi kienu saru wkoll allegazzjonijiet u lmenti fil-konfront tal-attriċi minn membri tal-istaff tal-MCAST, il-Bord investiga wkoll kull allegazzjoni dwar irregolaritajiet li saret fil-konfront tal-attriċi nnifisha u li nġiebet għall-attenzjoni tiegħu mill-persuni li xehdu quddiemu fil-kors tal-Inkjesta.

Jirriżulta wkoll li dan il-Bord kien inkarigat mhux bħala Bord ta' dixxiplina iżda biex jistabbilixxi l-fatti relevanti tal-allegazzjonijiet magħmula mill-attriċi fil-konfront tal-operat tal-MCAST u l-allegazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba a konjizzjoni tiegħu u minn hemmhekk, jislet il-konklużjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li hemm bżonn[2].

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi ssostni illi r-rapportaġġ tal-konvenut fiż-żewġ artikoli tiegħu, ippubblikati fil-gazzetta Maltatoday fit-8 ta' Awwissu 2021 (u fuq is-sit elettroniku tal-istess gazzetta fid-9 ta' Awwissu 2021) u fil-15 ta' Awwissu 2021, iwasslu l-imputazzjoni li hi ġiet imkeċċija minn xogħolha minħabba li wettqet irregolaritajiet u abbużi u li vvintat allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fi ħdan l-MCAST bħala rikatt.

**Josephine Abdilla xehdet**[3] illi meta assumiet ir-rwol tagħha bħala kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fl-2015, hija kienet inkarigata tibni d-dipartiment mill-ġdid, proċess li ma kien faċli xejn minħabba diskrepanzi li kixfet u abbużi sistemiċi f'diversi setturi fosthom promozzjonijiet, *sick leave* u *overtime*, abbużi li kienu diġa' jafu bihom it-tmexxija tal-Kulleġġ kif ukoll f'livell ministerjali. Hi ġiet mitluba mill-Ministru tal-Edukazzjoni dak iż-żmien biex tiġborlu evidenza u tikkompila rapport komprensiv dwar dawn l-irregolaritajiet fir-reklutaġġ u fil-promozzjonijiet[4] u meta nħatar il-Bord tal-Inkjesta, hija tat lill-istess Bord l-informazzjoni kollha li kienet diġa' għaddiet lill-Ministru konsistenti f'konklużjonijiet ta' fatt debitament sostanzjati[5] u hija qatt ma rtirat jew kellha raġuni biex tirtira l-ebda waħda mill-allegazzjonijiet li għamlet. Sostniet ukoll illi in segwitu għar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta, in-National Audit Office għamlet *audit* li afferma l-allegazzjonijiet tagħha kif rapportati lill-Ministru, dwar numru sostanzjali ta' għalliema li tħallsu iktar minn

[2] Jirrizulta illi dawn l-allegazzjonijiet ġew mgħoddija wkoll mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru, lill-Kummissarju tal-Pulizija u dawn ġew debitament investigati mill-Pulizija.
[3] Xhieda tat-2 ta' Marzu 2022 u 7 ta' April 2022.
[4] Vide email 2a, fol. 89 u 90
[5] Vide skambju ta' korrispondenza 3a, fol. 92 u 93.

dak dovut lilhom (*overpaid lecturers*) fejn hija mkien ma ssemmiet bħal persuna responsabbli għal din l-irregolarita'[6].

L-attriċi nnegat li hija qatt irtirat xi allegazzjonijiet li kienet għamlet preċedentement f'korrispondenza li bagħtet lill-Ministru: għall-kuntrarju, sostniet li hija kienet ipprovdiet lill-Bord tal-Inkjesta dawk l-istess rapporti li kienet bagħtet lill-Ministru. Xehdet ukoll li in segwitu għar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta, la l-Pulizija u lanqas xi ħadd in rappreżentanza ta' xi entita' oħra qatt ma għamlu kuntatt magħha u qatt ma ġiet akkużata quddiem qorti u dan kuntrarjament għal dak li ġie rapportat fil-*headline* tal-artikolu tat-8 ta' Awwissu 2021.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li kienet tbagħbas il-punteġġi miksuba mill-kandidati fl-intervisti għar-reklutaġġ, l-attriċi saħqet li hija ma kellha ebda rwol fl-intervisti sakemm ma kienx jitlobha l-Prinċipal biex tintervjeni jew sakemm dawn l-invervisti kienu għal reklutaġġ ta' *top management* u relevanti għad-dipartiment tagħha. Madankollu, kienet tħoss ċertu pressjoni politika minħabba l-fatt li matul il-proċess tar-reklutaġġ kienu jsiru ħafna talbiet min-naħa tal-Ministeru, OPM u Dipartiment tal-Edukazzjoni għal informazzjoni dwar kandidati, liema talbiet kienu jfixxklu l-proċess[7]. Xehdet ukoll illi filwaqt li hu minnu li kien hemm kultura ta' nepotiżmu u kien isir tbagħbis fir-reklutaġġ (*interview fraud*), dan kien iseħħ taħt il-*management* preċedenti u hi ma kellha l-ebda involviment f'dawn l-irregolaritajiet. Ikkonfermat li hi qatt ma għamlet ebda pressjoni biex jintgħażel kandidat flok ieħor: għall-kuntrarju, hija kienet qed tinvestiga dawn l-abbużi u kienet kommessa li teliminahom[8]. Kemm hu hekk, hija kienet introduċiet *tablet policy* fejn il-membri tal-bord tar-reklutaġġ kien ikollhom idaħħlu l-punteġġi fis-sistema qabel tintemm l-intervista[9]. Stqarret madankollu, illi meta kienet tistaqsi fuq ċerti kandidati, dan kien għaliex kienet tiġi mitluba tagħmel dan mill-Ministeru.

[6] Vide fost oħrajn, korrispondenza 11a, fol. 104 *et seq*.
[7] Vide 7b, email fol. 98.
[8] Vide email lil Stephen Cachia, 7c, fol. 99.
[9] Vide dokumenti 7a: fol. 95 *et seq*.

L-attriċi nnegat speċifikatament l-allegazzjoni li hija eżerċitat pressjoni biex ma jiġux assenjati punti pożittivi lil kandidata li kienet tqila ħalli ma tintgħażilx u dan sabiex il-kulleġġ jiffranka l-ħlas tal-leave tal-maternita'. Xehdet illi meta saret taf li din il-kandidata kienet tqila, kienet diġa' ntagħżlet u ġiet ingaġġata u kienet l-*interview director* li kienet inkwetata għaliex saret taf li l-kandidata kienet tqila. Għamlet referenza għal *email* li bagħtet lid-direttur fejn għarrfitu li l-kandidata messha żvelat il-fatt li kienet tqila waqt l-intervista[10].

Ikkonfermat fix-xhieda tagħha li kienet għamlet madwar sagħtejn tixhed quddiem il-Bord tal-Inkjesta u dan fl-24 ta' Settembru 2018 fejn Paul Bonello, iċ-chairman tal-Bord, kien saqsiha dwar l-allegazzjoni li Dr. Silvio Debono kien jitħallas *commission* billi jieħu xahar paga mingħand ir-reklutaġġi ġodda, u hi kienet wieġbet li din kienet qlajja li oriġinat minn terzi persuni, fost ħafna spekolazzjoni oħra fiż-żmien meta Dr. Debono telaq ħesrem mill-pożizzjoni tiegħu bħala prinċipal tal-MCAST u esprimiet il-fehma tagħha lill-Bord li l-allegazzjoni dwar il-*commission* ma setax kien ħlief ċajta.

L-attriċi sosniet ukoll illi ħadd, la s-superjuri tagħha u lanqas l-ebda union qatt wasslulha xi lmenti li setgħu saru fil-konfront tagħha dwar *bullying* u mhux veritiera l-allegazzjoni li s-superjuri tagħha kienu jħalluha tagħmel li trid. Għalkemm stqarret li kien hemm ħafna lmenti dwar *bullying*, dawn ma kienux ilmenti li saru fil-konfront tagħha u kienet hi stess li ħolqot proċedura li ffaċilitat il-mezz kif jiġu rapportati każijiet ta' *bullying*. Kemm hu hekk, hija ħadet promozzjoni matul il-kors tal-impieg tagħha mal-MCAST li ngħatatilha "*for treating employees fairly and with integrity*", fost oħrajn[11].

**Il-konvenut, Matthew Vella**, da parti tiegħu xehed[12] illi għalkemm meta kiteb dawn l-artikoli huwa ma kellux fil-pussess tiegħu kopja tar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta, kien kiseb l-informazzjoni kollha li abbażi tagħha kiteb iż-żewġ artikoli, minn sorsi kunfidenzjali li kellhom aċċess għall-Inkjesta u għar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta,

---

[10] Email 13, fol. 111.
[11] Ara sett ta' dokumenti Dok. ABC sa Dok. ABC13, fol. 115 *et seq*.
[12] Xhieda in subizzjoni, 24 ta' Jannar 2022.

liema sorsi wrewh ir-rapport bid-depożizzjonijiet ġuramentati tax-xiehda li xehdu quddiem l-istess Bord u bil-konklużjonijiet tal-Inkjesta.  Xehed ukoll li huwa kellu opportunita' suffiċjenti biex jifli u jeżamina l-kontenut tar-rapport u jikkostata huwa stess ix-xhieda u l-konkluzjonijiet tal-Bord, tant illi dan l-eżerċizzju dam sejjer xahar b'kollox matul diversi laqgħat.  Il-konvenut insista wkoll illi l-informazzjoni li kellu kienet korretta u qies is-sorsi tiegħu bħala "*validissimi*".

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, il-Qorti tqis illi n-nota li ġiet ippreżentata mill-attriċi fis-16 ta' Diċembru 2022 biex tagħmel xi osservazzjonijiet ulterjuri wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, ġiet ippreżentata mingħajr ma ntalbet u nkisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u wara l-għeluq tal-istadju tas-sottomissjonijiet finali u għaldaqstant, m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni ta' din in-nota u sjra tiskartaha.

Il-Qorti issa sejra tindirizza l-materja tal-pubblikazzjoni privileġġjata li tqanqlet mill-abbli avukat tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2022 fejn ġie sottomess illi l-pubblikazzjonijiet impunjati huma privileġġjati a tenur tal-Artikolu 7(d) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama għaliex jikkonsistu ***"f'rapporti ta' proċeduri f'qorti tal-ġustizzja f'Malta"***.

Il-Qorti tosserva illi ma ġiet sollevata formalment ebda eċċezzjoni f'dan is-sens la fir-Risposta għar-Rikors promotur u lanqas f'xi stadju ieħor matul is-smigħ tal-kawza.

Fir-rigward intqal hekk:

*Għalkemm hu mogħti mil-liġi lil parti f'kawża li tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'kull waqt tagħha, imqar fl-istadju tal-appell, ma huwiex sewwa li l-parti mħarrka*

*tissorprendi lill-parti attriċi b'dan il-mod bla ma tagħtiha l-opportunita' li tirribattiha u meta tkun intemmet il-fażi tat-trattazzjoni.*[13]

L-insenjament appena ċitat jitratta eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li kif inhu risaput, tista' titqanqal f'kull stadju tal-proċeduri anke fl-appell u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti għandu jsib riskontru b'iktar qawwa fil-każ in diżamina fejn l-eċċezzjoni mqanqla fin-nota ta' sottomissjonijiet m'hijiex waħda li l-liġi espressament tippermetti li tiġi sollevata f'kull stadju tal-proċeduri. Għalhekk, il-Qorti mhux sejra tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ta' pubblikazzjoni privileġġjata ġaladarba ġiet sollevata biss informalment u għall-ewwel darba waqt it-trattazzjoni finali, iżda fl-istess waqt ma tistax ma tosservax illi l-eċċezzjoni fiha nnifisha hija manifestament frivola għal raġunijiet li tant huma ovvji li l-Qorti ma tħossx li għandha tinoltra ruħha dwarhom.

Ikun opportun li l-Qorti tibda biex tindirizza wkoll uħud mis-sottomissjonijiet li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tat-18 ta' Ottubru 2022.

Fl-ewwel lok, id-dritt għar-risposta (*right of reply*) li mill-provi jidher li ġie pubblikat mill-konvenut fuq talba tal-attriċi in segwitu għall-pubblikazzjoni tal-ewwel artikolu tat-8 ta' Awwissu 2021, ma ġietx esebita fl-atti proċesswali. Fil-fatt, għajr għall-aċċenn li sar għal dan id-dritt għar-risposta fl-artikolu tal-konvenut tat-18 ta' Awwissu 2021 u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, il-Qorti m'għandha quddiemha l-ebda prova tad-dikjarazzjonijiet li għamlet l-attriċi f'dan id-dritt għar-risposta. Għalhekk ma tistax tikkostata jekk effettivament il-konvenut uża l-kelma "*ousted*" fl-artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021[14] *minkejja* dak li ġie dikjarat mill-attriċi fid-dritt għar-risposta tagħha. Fi kwalsiasi każ, fl-isfond tal-fatti li joħorġu mill-provi, huwa indiskuss illi l-attriċi ġiet effettivament sospiża mill-pożizzjoni tagħha fl-MCAST u dan kif del resto stqarret hija stess fix-xhieda tagħha f'din il-kawża[15] u konsegwentement, l-użu tal-kelma "*ousted*" ma jistax jitqis li huwa irraġjonevoli jew barra minn lokha.

---

[13] **Gennaro De Luca et v. Perit Arkitett David Psaila et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2013.
[14] U mhux fl-artikolu tal-15 ta' Awwissu 2021 kif ġie erronjament indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.
[15] Xhieda tas-7 ta' April 2022.

Ġie wkoll sottomess għall-attriċi illi l-animu tal-konvenut fil-pubblikazzjoni tal-artikoli, speċifikatament it-tieni artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021, kien li jkompli jħammeġ ir-reputazzjoni tagħha, animu malinn li, skont dak li ġie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ingħad, ġie manifestat fejn fl-artikolu impunjat, il-konvenut qal illi l-attriċi:-

"*... refused to clarify her current employment status with MCAST.*"

L-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tgħid illi l-konvenut ippubblika din l-istqarrija meta hija kienet diġa' ċċarat l-istat tal-impieg tagħha meta, fid-dritt għar-risposta tagħha, qalet: "*Ms Abdilla has been on special paid leave since July 23rd 2018: she was not sacked and did not have her employment terminated*"[16].

Iżda, kif rajna, dan id-dritt għar-risposta ma jifformax parti mill-provi proċesswali. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta illi fil-pubblikazzjoni in diżamina il-konvenut ma qalx biss illi l-attriċi "*refused to clarify her current employment status with MCAST*" għaliex l-istess sentenza tkompli "*and whether she is still receiving a full salary* ***while on forced leave from the college***." (emfasi tal-Qorti) Fil-fatt, minnufih wara, il-konvenut ippubblika s-segwenti bran mill-imsemmi dritt għar-risposta li rċieva mingħand l-attriċi: "*Regarding payroll related matters, I suggest you address your questions to the ministry or consult the NAO audit reports on payroll matters*".

Din hija azzjoni għal malafama u l-kompitu tal-Qorti f'kawża bħal din hu arġinat biex jiġi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata hijiex diffamatorja. Iżda kif ġie diversi drabi ritenut, il-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet li jista' jkun li mhumiex korretti ma jfissirx neċessarjament ukoll li l-istqarrija hija malafamanti għaliex l-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistipola li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkaġunawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tagħmel it-talba. Inoltre,

[16] Ara paġna 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-18 ta' Ottubru 2021.

jingħad illi fl-istħarriġ dwar jekk imputazzjoni għandhiex titqies bħala waħda diffamatorja, l-intenzjoni tal-pubblikatur huwa irrelevanti.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis illi l-fatt li l-istqarrija tal-konvenut fl-artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021 - illi l-attriċi rrifjutat tikkjarifika l-istatus tal-impieg tagħha mal-MCAST - seta' ma kienetx preċiża, ma fiha l-ebda propensita' kwalsiasi li tikkawża ħsara lir-reputazzjoni tal-attriċi, wisq anqas ħsara serja, u għalhekk m'hijiex diffamatorja.

Fil-fatt, hu evidenti li l-pubblikazzjonijiet tal-konvenut huma r-riżultat ta' investigazzjoni ġornalistika li saret biex tinkixef ir-raġuni għaliex l-attriċi, impjegata ta' istituzzjoni edukattiva ewlenija tal-pajjiż u korp stabbilit mil-liġi, setgħet kienet għadha tirċievi salarju sħiħ diversi snin wara li ġiet sospiża minħabba allegazzjonijiet u lmenti li saru fil-konfront tagħha minn uffiċjali oħra fi ħdan l-MCAST, u wkoll diversi snin wara l-konklużjoni ta' Inkjesta li affermat li l-parti l-kbira ta' dawn allegazzjonijiet u lmenti kienu fondati.

Fiż-żewġ pubblikazzjonijiet impunjati, issir emfasi ripetuta fuq in-nuqqas ta' trasparenza da parti tal-Gvern dwar il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta maħtur minnu stess u fuq ir-retiċenza evidenti tal-istess Gvern li (i) jiżvela r-raġuni għaliex impjegat ta' istituzzjoni edukattiva stabbilita mil-liġi, baqa' hekk impjegat diversi snin wara, u minkejja, il-konklużjonijiet tal-imsemmi Bord meta dan il-Bord sab li l-impjegat mexa b'kondotta mhux xierqa fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu f'din l-istess istituzzjoni edukattiva tal-Gvern, (ii) ir-raġuni għaliex fondi pubbliċi jidher li qegħdin jitħallsu mingħajr ġustifikazzjoni, u (iii) r-raġuni għaliex ma ttieħdet l-ebda azzjoni fil-konfront tal-impjegat kif ġie rakkomandat mill-imsemmi Bord.

Ikkunsidrat;

Biex tilqa' għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, l-attriċi ppreżentat nota fl-10 ta' Novembru 2021, ikkonfermata bil-ġurament tagħha, fejn

indikat diversi brani miż-żewġ artikoli impunjati f'din il-kawża, brani li hija tqis li huma malafamanti fil-konfront tagħha u għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta ġiet b'hekk sorvolata.

Għad-determinazzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet, il-Qorti trid tistabbilixxi fl-ewwel lok, liem'huma l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari komplessiv taż-żewġ artikoli tal-konvenut, mertu ta' din l-azzjoni, fid-dawl tal-istqarrijiet speċifikatament impunjati mill-attriċi fix-xhieda tagħha.

Jibda biex jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluż naturalment waħda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, irid jiġi stabbilit jekk persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bhala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-prinċipji applikabbli għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal l-imputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni ċelebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[17] elenka diversi fatturi, fosthom:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. ... he must be treated as being a man who is* ***not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available****. ... (4) the intention of the publisher is irrelevant. (5)* ***The article must be read as a whole****... (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should* ***rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation*** *...' (8) It follows that* ***it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense****.*" (emfasi tal-Qorti)

F'kull każ huwa mħolli lill-ġudikant biex jiddetermina jekk il-kliem użat huwiex kapaċi, raġjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantat mill-persuna aggravata u jekk,

[17] [2008] EWCA.

f'kaz affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaċi li titqies skont il-liġi bħala diffamatorja. F'każ fejn il-kliem użat fid-dikjarazzjoni impunjata **jista' jagħti lok** għall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jingħad illi:-

"*... **the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation**. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing.*" [18] [emfasi tal-Qorti]

Applikat dan l-insenjament, il-Qorti tħoss li għandha tissenjala illi kuntrarjament għal dak li sostniet l-attriċi fix-xhieda kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-artikolu ppubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta tat-8 ta' Awwissu 2021, ma jnissilx imputazzjoni illi hi ġiet imkeċċija mill-pożizzjoni tagħha ta' HR Executive fl-MCAST.

L-attriċi xehdet illi t-titolu "***Sacked MCAST executive influenced selection of teachers***" f'paġna 13 tal-gazzetta, iwassal imputazzjoni malafamanti għaliex fil-verita', hija qatt ma ġiet imkeċċija mill-MCAST. Sostniet ukoll illi għalkemm huwa minnu illi ġiet imwarrba mill-MCAST iktar minn tliet snin qabel, hija baqgħet fuq il-*payroll* tal-Kulleġġ u għadha impjegata fl-istess pożizzjoni u tirċievi s-salarju sħiħ tagħha. Tikkontendi għalhekk illi dan il-*headline* huwa intiż li jiżvija lill-qarrej dwar il-fatti, tant illi dan l-istess *headline* ġie kontradett mill-konvenut innifsu għaliex fil-korp tal-istess artikolu ġie dikjarat li hija ġiet sospiża u li għadha tirċieva s-salarju tagħha.

Filwaqt li huwa minnu li t-titolu tal-artikolu f'paġna 13 tal-gazzetta hu proprju dak indikat mill-attriċi, il-Qorti tosserva illi paġna 13 fiha l-kontinwazzjoni tal-artikolu li jibda, effettivament, fuq il-faċċata tal-istess gazzetta. Fil-fatt, il-*headline* sussidarju tal-artikolu fuq **l-ewwel faċċata** tal-gazzetta jgħid hekk:-

---

[18] Gatley '*On Libel and Slander'*, 2013 Ed. p. 113.

"*Ministry mum over police action on former MCAST executive* ***still out on 'forced leave'*** *despite 2018 inquiry board's report of perjury and favoritism*". (Emfasi tal-Qorti)[19]

Ukoll, **fl-ewwel paragrafu tal-artikolu fuq il-faċċata** (it-tieni sentenza), insibu:-

*"Yet no action has been taken against former HR manager Josephine Abdilla,* ***who is believed to still be receiving a full wage despite while suspended*** *– a full four years after the inquiry was concluded.*"[20] (emfasi tal-Qorti)

Kif diġa' rajna, huwa principju assodat fit-tagħlim ġurisprudenzjali in materja ta' diffamazzjoni li l-imputazzjoni allegatament diffamatorja trid tkun waħda li tinsilet mill-pubblikazzjoni moqrija fl-intier tagħha, fejn għad-determinazzjoni dwar jekk l-artikolu impunjat iwassalx jew le l-imputazzjoni addebitata, **għandha ssir referenza ghall-artikolu sħiħ u mhux biss ghat-titolu jew xi paragrafu jew kliem ieħor fl-istess artikolu jew għar-ritratti li jakkumpanjawh**, minkejja li huwa fatt illi xi qarrejja jistghu wkoll jifformaw impressjoni minghajr lanqas jaqraw it-test innifsu tal-artikolu. Dan ifisser illi l-persuna aggravata ma tistax tagħżel dawk il-partijiet tal-pubblikazzjoni li, meħudin waħedhom, ikunu diffamatorji, mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u l-kuntest kollu tal-pubblikazzjoni.

"*Ordinary readers do not read in isolation but take the context into account, including the surrounding circumstances. They are taken to have read the whole article, not just the headlines, but importantly, the more sensational the article, the less degree of*

---

[19] M'hemm kontestazzjoni li r-referenza għal "*MCAST executive*" fit-titoli taż-żewġ artikoli tal-konvenut, hija referenza għall-attriċi u l-konvenut ma jikkontestax lanqas li l-attriċi hija identifikata effettivament f'dawn iż-żewġ artikoli bħala "*sacked MCAST executive*"(artikolu tat-8 ta' Awwissu 2021) and "*former MCAST executive*" (artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021).

[20] Paragrafu 3 fin-nota ġuramentata tal-attriċi, fol. 21.

*analytical care is expected,* ***in contrast to serious publications which trigger an assumption of caution and close critique****.*" [21] (emfasi tal-Qorti)

Fid-deċiżjoni tal-High Court tal-Awstralja fil-kaz **John Fairfax Publications Pty Ltd v Rivkin**, Callinan J. qal hekk:-

"*... The order in which matters are dealt with can be significant. The capacity of the first paragraph of an article, the intro, to excite the reader's attention is a matter upon which editors place store.*"[22]

**Il-Qorti tirribadixxi illi huwa żbaljat u infondat it-teżi li l-qarrej ordinarju, inkluż il-qarrej ta' pubblikazzjonijiet li jsiru fuq pjattaforma diġitali bħalma huma *online news portals*, għandu jitqies li jaqra biss l-ewwel u l-aħħar paragrafu tal-istqarrija: dan m'huwiex prinċipju li qatt ġie mħaddan mill-qrati fl-istorja tal-liġi tal-malafama u l-ġurisprudenza in materja. Għall-kuntrarju, fid-deċiżjoni ewlenija in materja, <u>Charleston v. News Group Newspapers Ltd</u> (1995), il-House of Lords riaffermat il-ġurisprudenza stabbilita u riġettat l-argoment illi l-avvanzi fil-mezzi ta' komunikazzjoni u l-eżistenza tal-*mass media* ħolqu xi ħtieġa li jiġu żviluppati prinċipji u regoli ġodda li jippermettu lill-persuna aggravata li tistrieħ fuq imputazzjonijiet li huma bbażati fuq**:-

" *... natural and ordinary meanings that only arise if the words are severed from their context, even if in fact, a significant portion of the audience to whom the words were published would have arrived at a meaning in this very manner and thus thought less of the plaintiff.*"

F'din l-istess deċiżjoni ġie riaffermat il-prinċipju bażilari, imsejjaħ "*the single meaning rule*", imfisser bħala:-

---

[21] **Landmark Cases in Defamation Law**, (Edited by David Rolph) 2019 (2021 Ed.), b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet fosthom: **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.
[22] [2003] HCA 50, (2003), 201 ALR 77

"*... the meaning an ordinary, reasonable, fair-minded person would agree on,* ***after considering the words in their whole, published context****. If the whole contains some words which appear defamatory, the defamatory effect (or bane) may be neutralised by other contextual words which operate as an antidote*."[23] (emfasi tal-Qorti)

Applikat dan kollu għall-pubblikazzjoni tat-8 ta' Awwissu 2021, jirriżulta illi minn qari komplessiv tal-artikolu sħiħ li jinkludi (i) it-titolu sussidjarju tal-artikolu fuq il-faċċata tal-gazzetta, (ii) l-ewwel paragrafu tal-istess artikolu, kif ukoll (iii) it-titolu tat-tieni parti mill-artikolu li jkompli f'paġna 13 tal-gazzetta, il-Qorti hija konvinta li qarrej ordinarju dodat b'intelliġenza medja malajr jifhem illi effettivament, **l-attriċi għad illi ġiet sospiza mill-pożizzjoni tagħha, ma ġietx effettivament imkeċċija mill-impieg ġaladarba għadha fuq 'forced leave' u għadha tirċievi salarju sħiħ tliet snin wara l-konklużjoni tal-Inkjesta li investigat l-imġieba tagħha**.

Din il-konklużjoni tinsilet *inter alia* mill-kliem "*out on forced leave*" fit-tieni *headline* tal-artikolu fil-faċċata tal-gazzetta u mill-kliem "*believed to still be receiving a full wage despite while* (*sic*.) *suspended*" fl-ewwel paragrafu tal-artikolu fuq l-istess faċċata, filwaqt li huwa biss fit-titolu tat-tieni parti tal-artikolu f'paġna 13 li tintuża l-kelma "*sacked*".[24]

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni ħolistika li tinftiehem mill-qarrej ordinarju m'hijiex ta' tkeċċija iżda ta' sitwazzjoni kontinwata ta' '*forced leave*' bi ħlas ta' salarju sħiħ: imputazzjoni li kif ammess mill-attriċi nnifisha, hija korretta u konsegwentement, f'kull każ, ma tistax titqies bħala waħda li hija malafamanti.

---

[23] **Landmark Cases in Defamation Law**, *ibid*. p. 173.

[24] Fil-fehma tal-Qorti, il-brani appena ċitati jservu wkoll biex jinnewtralizzaw kważi għal kollox it-tniggiża li jidher li ħassitha aggravat biha l-attriċi fit-titolu li ngħata lill-bqija tal-artikolu f'paġna 13 tal-gazzetta. Fil-fatt, huwa rikonoxxut li jista' jkun hemm istanzi fejn l-istess pubblikazzjoni tavvanza u fl-istess ħin twaqqa', allegazzjoni li hi kapaċi titqies bħala diffamatorja[24], iżda l-kwistjoni jekk il-kliem meqjus bhala diffamatorju jitilfu l-essenza diffamatorja tagħhom minħabba xi kwalifika jew kliem iehor, tibqa' dejjem waħda ta' fatt li għandha tiġi evalwata b'referenza għall-i*standards* tal-qarrej ordinarju u ragjonevoli:- "*This or that sentence may be considered defamatory, but there may be other passages which take away their sting. In this regard, the reasonable reader is assumed to have read the whole article complained of.*" **Cruddas v. Calvert** [2013] EWHC 1427 (QB).

Skont il-Gatley, *supra*, 3.31, p. 152: "*If 'in one part of the publication something disreputable to the plaintiff is stated, but that is removed by the conclusion, the bane and the antidote must be taken together*".

Wara li fliet l-atti, u abbażi tal-prinċipji appena enunċjati, il-Qorti fehmet illi l-imputazzjonijiet li l-pubblikazzjonijiet tal-konvenut raġjonevolment inisslu minn qari komplessiv tagħhom, u li qegħdin jiġu impunjati mill-attriċi bħala malafamanti, huma s-segwenti:-

(a) **L-attriċi naqset milli tgħid is-sewwa taħt ġurament (sperġur) meta xehdet quddiem il-Bord tal-Inkjesta;**

(b) **L-attriċi fir-rwol tagħha ta' HR Executive fl-MCAST ħolqot ambjent ta' dwejjaq u tensjoni fost il-membri tal-istaff u l-għalliema, b'imġieba oppressiva u bl-użu ta' tattiċi ta' intimidazzjoni ("*bullying*") fejn kienet ukoll teżerċita pressjoni inġusta u illegali fil-proċess ta' għażla ta' għalliema ġodda; u**

(c) **L-attriċi ġiet skreditata mill-Bord tal-Inkjesta fl-allegazzjonijiet li għamlet dwar irregolaritajiet u korruzzjoni fl-operat tal-MCAST u għamlet dawn l-allegazzjonijiet inveritieri in linea ta' rikatt ("*blackmail*")**.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-imputazzjonijiet appena msemmija huma kapaċi li jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala diffamatorji, għaliex jikkonsistu f'allegazzjonijiet dwar kondotta mhux etika u addirittura illegali, liema allegazzjonijiet jassumu portata iktar serja meta jsiru fil-konfront ta' persuna impjegata ma' korp stabbilit mil-liġi li l-Gvern għandu kontroll fuqu.

Ikkunsidrat;

Illi qabel jiġi mistħarreġ jekk l-imputazzjonijiet speċifiċi li jitnisslu mill-isqarrijiet impunjati mill-attriċi fil-pubblikazzjonijiet tal-konvenut, humiex tassew diffamatorji għall-attriċi, il-Qorti tqis li għandha l-ewwel tindirizza l-eċċezzjoni sollevata fit-tielet paragrafu tar-Risposta tal-konvenut, ċioe' li l-pubblikazzjonijiet huma dwar materja' ta' interess pubbliku.  Din id-difiża hija maħsuba fl-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u

l-Malafama, li jeħtieġ qabel xejn li l-konvenut jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, ikun dwar materja ta' interess pubbliku.

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku: dan għandu jiġi deċiż mill-qorti tenut kont tal-partikolaritajiet tal-każ li jkollha quddiemha. Madanakollu, jingħad illi l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern b'mod wiesa', kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku[25].

Ġie ritenut li materja tkun ta' interess pubbliku:

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[26]

Applikat dan għall-fatti tal-istqarrijiet impunjati mill-attriċi fil-pubblikazzjonijiet in diżamina, il-Qorti tqis illi dawn jifformaw parti minn dikjarazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku: dan qed jingħad għaliex il-konklużjonijiet raġġunti minn Bord ta' Inkjesta li jinħatar għall-fini tal-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273) biex jiġi investigat l-imġieba ta' uffiċjali pubbliċi, jew ta' uffiċjali jew impjegati ta' korp imwaqqaf b'liġi[27] jew materji li jaqgħu taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbiltà ta' xi dipartiment tal-Gvern jew korp imwaqqaf bil-liġi[28], kif ukoll dik l-imġieba fiha nnifisha, huma materji ta' li jimmeritaw skrutinju tal-pubbliku. *Multo magis* meta l-kondotta tal-attriċi fir-rwol tagħha ta' uffiċjal eżekuttiv f'kariga għolja fl-MCAST, korp stabbilit mil-liġi, ġiet meqjusa minn Bord ta' Inkjesta bħala waħda illegali, irregolari u ta' stmerrija.

---

[25] Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[26] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.
[27] MCAST huwa istituzzjoni edukattiva imwaqqfa taħt il-Kap. 327.
[28] Ara Artikolu 3 tal-Att dwar l-Inkjesti.

Ġie ritenut illi materja tkun waħda ta' interess pubbliku "*... if it concerned the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[29] Għalhekk il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-provi f'din il-kawża, l-attriċi ma setgħetx ma tistennix ċertu qies ta' kritika pubblika.

Speċifikatament, il-Qorti tqis ukoll li huwa fl-interess tal-pubbliku li jkun jaf dwar sitwazzjoni fejn impjegata ta' korp kostitwit bil-liġi (f'dan il-każ l-attriċi) li ilha sospiża mill-kariga tagħha għal tliet snin sħaħ, għadha tirċievi l-ħlas sħiħ tas-salarju tagħha minn fondi pubbliċi sentejn wara illi l-Bord li ġie maħtur biex jinvestiga allegazzjonijiet dwar abbużi, korruzzjoni u irregolaritajiet fl-operat tal-MCAST, sab li l-allegazzjonijiet li saru minn din il-persuna kienu kollha kemm huma, għajr għal waħda, infondati u fiergħa. Mhux hekk biss iżda kkonkluda wkoll li l-istess persuna imxiet b'imġieba skorretta u illegali fil-qadi tad-dmirijiet tagħha fi ħdan l-MCAST, fosthom fejn eżerċitat pressjoni fuq il-proċess ta' reklutaġġ biex jintgħażlu kandidati partikolari, kif ukoll "*pressjoni u biża' qawwija*" fuq l-Administration Manager fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani biex tiffalsifika dokumenti pubbliċi. Wieħed naturalment jistenna li l-proċess ta' reklutaġġ fis-settur pubbliku jkun mhux biss trasparenti iżda wkoll wieħed serju li jispira fiduċja fil-pubbliku li dan jitwettaq mingħajr abbuż u mingħajr ħjiel ta' pressjoni jew influwenza esterna.

Barra minn hekk, jirriżulta wkoll minn qari taż-żewġ artikoli pubblikati mill-konvenut, li l-emfasi tal-pubblikazzjonijiet hija sewwasew (i) fuq il-velu ta' silenzju da parti tal-awtoritajiet inkluż il-Gvern, dwar il-konkluzjonijiet tal-Bord maħtur mill-Ministeru nnifsu biex imexxi inkjesta skont il-liġi fl-allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet serji fl-operat tal-MCAST, liema konklużjonijiet nżammu mistura għal snin sħaħ u (ii) fuq l-anomalija u tħassib tas-sitwazzjoni fejn il-fatti juru li uffiċjal ta' korp stabbilit mil-liġi jista' jkun għadha sal-lum fl-impjieg bi ħlas ta' salarju sħiħ mingħajr ma ttieħdet l-ebda azzjoni kwalsiasi fil-konfront tagħha minkejja li l-Inkjesta li sabet provi konklussivi ta' kondotta illegali u irregolari da parti tal-istess uffiċjal, ġiet konkluża snin qabel.

[29] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.

Din l-emfasi hija evidenti:-

- mit-tieni *headline* tal-ewwel artikolu "*Ministry mum over police action on former MCAST executive still out on 'forced leave' despite 2018 inquiry board's report of perjury and favouritism*"
- mill-ewwel disa' paragrafi u l-aħħar paragrafu tal-istess artikolu tat-8 ta' Awwissu 2021, li jiffokaw esklussivament fuq spekolazzjoni li l-attriċi għadha qed tirċievi paga sħiħa snin wara l-konklużjoni tal-Inkjesta u fuq is-silenzju totali tal-awtoritajiet tal-Kulleġġ u tal-Ministeru tal-Edukazzjoni rinfaċċjati b'talbiet għal tagħrif dwar dan u dwar azzjoni li ttieħdet abbażi tal-konklużjonijiet tal-inkjesta;
- mill-*headline* tat-tieni artikolu, ippubblikat fit-18 ta' Awwissu 2021 "*Bribery allegation was a joke yet former MCAST executive may still be on payroll*" u fil-*headline* sussidjarju "*Education Minister is refusing to confirm outcome of MCAST inquiry held in 2018 and whether person who alleged claims of corruption and bribery has been paid a full salary while on forced leave*"; u
- mill-ewwel paragrafu tal-artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021 u f'diversi paragrafi oħrajn fil-korp tal-istess artikolu, fosthom iżda mhux biss "*The inquiry forwarded their report to the police for investigation. Yet the education ministry – namely spokesperson Etienne St. John, permanent secretary Frank Fabri and MCAST principal James Calleja – has since February 2021 refused to answer repeated requests by MaltaToday to explain why Abdilla remains suspended on full pay, despite the findings of the inquiry.*"

L-attriċi ħassitha urtata bis-sensazzjonaliżmu tal-pubblikazzjonijiet, iżda l-Qorti tqis li l-istqarrijiet tal-konvenut bid-dettallji tal-kondotta tal-attriċi, jirriflettu korrettement is-sostanza tal-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti mill-Bord fir-rapport tiegħu

u ma taqbilx li dawn "*huma miżgħuda b'asserzjonijiet li ma jirrispekkjawx ir-realta*" jew li jikkonsistu f'"*allegazzjonijiet inveritieri dwar persuna privata*"[30].

Għall-Qorti huwa ovvju l-istqarrijiet impunjati lkoll jirriflettu jew jirriproduċu il-konklużjonijiet tal-Bord u tqis illi qarrej ordinarju armat bir-rapport tal-Bord, minnufih jintebaħ illi l-istqarrijiet impunjati jirriproduċu fis-sostanza u korrettement, il-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord tal-Inkjesta abbażi tax-xhieda tal-*whistleblowers* li tifforma parti mir-rapport tal-Bord liema xhieda, kif korrettement xehed il-konvenut, il-Bord tal-Inkjesta straħ fuqha biex jasal għall-konkluzjonijiet tiegħu[31].

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-pubblikazzjoni da parti tal-konvenut tal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Bord u rqaqat tal-każ, ma kienetx irraġjonevoli u kienet meħtieġa biex jitfisser aħjar is-serjeta' tal-fatt li minkejja diversi snin wara s-sejbien minn Bord ta' Inkjesta ta' din ix-xorta ta' kondotta irregolari u potenzjalment illegali da parti tal-attriċi, l-awtoritajiet ma jridux jikkonfermaw jekk effettivament l-attriċi għadhiex tokkupa l-istess pożizzjoni u tirċievi salarju sħiħ.

F'kull każ, il-fatt illi snin sħaħ wara li ġiet konkluża l-Inkjesta ma jidhirx ttieħdet ebda azzjoni mill-awtoritajiet fuq il-konkluzjonijiet tal-Bord maħtur minnhom stess dwar allegati irregolaritjiet kommessi minn uffiċjali tal-MCAST, tant illli l-uffiċjal li ġiet investigata u nstab li mxiet b'mod irregolari u mhux xieraq għal persuna li tokkupa kariga għolja f'istituzzjoni edukattiva, baqgħet tokkupa l-istess pożizzjoni u baqgħet tirċievi l-istess salarju imħallas minn fondi pubbliċi, huwa biżżejjed biex jiġġustifika l-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet tar-rapport għaliex dawn il-fatti inisslu tħassib mhux ftit dwar it-tmexxija ta' dan il-korp edukattiv prominenti u l-kontabbilita' tal-Gvern dwar l-amministrazzjoni ta' korpi kostitwiti mil-liġi u l-użu ta' fondi tat-taxpayer.

---

[30] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

[31] Fejn l-istqarrijiet impunjati jikkostitwixxu mhux stqarrija ta' fatt iżda a value judgement tal-awtur, il-Qorti tqis illi qarrej armat bir-rapport tal-Inkjesta wkoll jasal biex jaqbel mal-espressjoni tal-fehma li jwasslu dawn l-istqarrijiet.

Huwa ritenut illi biex jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku, il-Qorti trid tqis l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*), kunċett li ġie introdott mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012):-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[32]

Huwa minnu li l-fatt li materja tista' tkun waħda ta' interess pubbliku ma jfissirx li kull dikjarazzjoni formanti parti mill-pubblikazzjoni wkoll għandha titqies li saret fl-interess pubbliku. Fil-fatt, fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**, ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann:

"*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose.* ***They must be part of the story****. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"[33] (emfasi tal-Qorti)

Dan ifisser illi l-fatt li l-persuna aggravata tiġi identifikata b'isimha f'pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, mhux dejjem jista' jitqies li jkun sar għall-fini ta' interess pubbliku, partikolarment meta l-persuna aggravata m'hijiex persuna pubblika. Fil-fatt, l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata meta din issir biss għal skop ta' sensazzjonaliżmu mhijiex ġustifikabbli, iżda fil-fehma tal-Qorti, meta din l-identifikazzjoni ssir għaliex mhux possibbli li jiġu pubblikati l-dettalli ta' materja ta'

[32] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.
[33] SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

interess pubbliku mingħajr ma tinkixef l-identita' tal-persuna aggravata, jew fejn l-artikolu jkun jitlef sostanzjalment mill-impatt tiegħu jew fejn jista' jitqanqal xi suspett f'ħaddieħor jekk il-persuna aggravata ma tiġix identifikata, allura l-pubblikatur jista' jitqies li emmen raġjonevolment li huwa fl-interess pubbliku li jidentifika l-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni.

Applikat dan l-insenjament speċifikatament għall-istqarrijiet impunjati mill-attriċi fil-pubblikazzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti tosserva illi m'hijiex korretta s-sottomissjoni li l-attriċi hija persuna privata li "*qatt ma kellha profil politiku jew pubbliku*"[34]. Mhux kontestat illi l-attriċi kienet u għadha impjegata bħala uffiċjal f'kariga għolja fl-MCAST li huwa korp stabbilit mil-liġi[35] li jaqa' taħt id-dikasteru tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u bħala tali, il-konvenut għandu raġun meta ssottometta li l-attriċi għandha titqies bħala persuna pubblika għall-finijiet tal-Artikolu 4(5) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[36]. **Tqis għaldaqstant, illi l-pubblikazzjoni tal-identita' tal-attriċi, uffiċjal b'kariga importanti fi ħdan l-amministrazzjoni ta' istituzzjoni edukattiva ewlenija tal-pajjiż li fih il-Gvern għandu kontroll effettiv u l-kondotta tagħha kien is-soġġett jew is-soġġett prinċipali tal-inkjesta mmexxija mill-Bord, kienet neċessarja għall-pubblikazzjoni tad-dettalli ta' materja ta' interess pubbliku kif ukoll sabiex fiċ-ċirkostanzi, ma jitqanqalx xi suspett f'ħaddieħor**.

Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li f'dan il-każ jirriżulta li l-pubblikazzjonijiet impunjati kienu motivati minn xi animu tal-konvenut li jħammeġ ir-reputazzjoni tagħha. Mhux hekk biss iżda tqis li kollox magħdud, il-konvenut seta' raġjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni tal-konkluzjonijiet tal-Inkjesta dwar l-allegazzjonijiet li saru minn u fil-konfront tal-attriċi, impoġġija fil-kuntest tal-fatt illi hi baqgħet tirċievi salarju bħala impjegata mal-korp li l-operat tiegħu ġie investigat mill-Bord minkejja li għaddew diversi snin u l-fatt illi ma jirriżultax li ttieħdet fil-

---

[34] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

[35] Kap. 327 (L-Att dwar l-Edukazzjoni), Taqsima VIII (Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija), Artikolu 85 *et sequitur*.

[36] Partikolarment għall-fini tad-difiżi tal-verita' u tal-opinjoni onesta li wara kollox ġew sollevati mill-konvenut fir-Risposta.

konfront tagħha xi azzjoni bħal dik rakkomandata mill-Bord tal-Inkjesta, kienet fl-interess pubbliku. **Fil-fatt, dawn il-fatti fl-assjem tagħhom, iqanqlu perċezzjoni ta' speċi ta' *cover-up* fi ħdan istituzzjoni edukattiva tal-Gvern kif ukoll suspett fondat ta' ħela ta' fondi pubbliċi li l-pubbliku għandu interess indiskuss li jkun jaf kif jintefqu**.

Illi fl-istess waqt il-Qorti taqbel mal-attriċi illi huwa kundannabbli kif rapport li ma kienx intiż li jiġi ppubblikat, ġie żvelat lil settur tal-midja, mentri lill-attriċi nnifisha, li kienet tabilħaqq fil-mira tal-investigazzjoni tal-Bord tal-Inkjesta, qatt ma ngħatat kopja mill-awtoritajiet konċernati. Madanakollu, il-mottiv ta' min irrifjuta li jagħti kopja lill-attriċi u l-mottiv ta' min għadda klandestinament informazzjoni dwar il-kontenut tal-istess rapport lill-midja ossia lill-konvenut, ma humiex fatturi determinati u lanqas relevanti biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikazzjonijiet tal-konvenut, ibbażati kif inhuma fuq il-konklużjonijiet fir-rapport in diżamina, humiex diffamatorji għall-finijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Huwa minnu li, kif sewwa sottomettiet l-attriċi, il-konvenut naqas milli jfittex mingħandha l-verzjoni jew il-kummenti tagħha qabel ippubblika l-ewwel artikolu li ġie pubblikat fit-8 ta' Awwissu 2021. Minn qari taż-żewġ artikoli, jirriżulta li l-konvenut ippubblika dritt għar-risposta tal-attriċi wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel artikolu fit-8 u fid-9 ta' Awwissu 2021 u talab ukoll il-kummenti tal-attriċi qabel ippubblika fit-tieni artikolu tat-18 ta' Awwissu 2021, fejn l-attriċi ġiet rapportata tgħid: "*I stand on my response in the right of reply last Sunday*" u, meta ġiet mistoqsija fuq l-allegazzjoni tagħha dwar Silvio Debono: "'*I negate any joking on my part on the matter'*". Madankollu, ma jirriżultax li qabel ippubblika l-ewwel artikolu fit-8 ta' Awwissu 2021 il-konvenut talab lill-attriċi għall-verzjoni tagħha u fil-fatt dan l-artikolu mkien ma jagħmel referenza għal xi kummenti mogħtija mill-attriċi preventivament għall-pubblikazzjoni tal-ewwel artikolu.

Iżda fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas tal-konvenut ma jfissrix illi l-pubblikazzjonijiet li m'humiex altrimenti malafamanti, b'daqshekk isiru malafamanti. In-nuqqas tal-

konvenut li jitlob tempestivament għall-verżjoni tal-persuna aggravata u jippubblika din il-verżjoni, mhux neċessarjament fatali għad-difiza taħt l-Artikolu 5 u meħud waħdu ma jfissirx li l-konvenut ippubblika l-artikoli impunjati in malafede[37].

Dan qed jingħad għaliex fil-każ in diżamina, id-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenut **m'humiex ibbażati fuq allegazzjonijiet u suspetti iżda fuq il-konkluzjonijiet finali kontenuti fir-rapport ta' Bord li ġie maħtur mill-Ministru reponsabbli għall-Edukazzjoni skont il-ligi**, sewwasew biex jinvestiga u jasal għall-konkluzjonijiet tiegħu dwar l-allegazzjonijiet li saru minn u fil-konfront tal-attriċi b'rabta ma' irregolarijiet fit-tmexxija tal-MCAST. Il-verżjoni tal-attriċi dwar il-fatti, fi stadju fejn il-materja ġiet debitament mistħarrġa u determinata bir-rapport tal-Bord, hija ftit jew wisq superfluwa stante illi l-konvenut qed jirrapporta dwar fatti stabbiliti u mhux spekolazzjonijiet jew suspetti fejn, fil-każ tal-aħħar, il-pożizzjoni tal-attriċi kienet tkun relevanti u meħtieġa biex tigi evitata sitwazzjoni fejn jiġu rapportati biss l-allegazzjonijiet ta' naħa waħda mingħajr ma l-pubbliku jkun jaf ukoll il-verżjoni tas-soggett innifsu tal-allegazzjonijiet.

Konsegwentement, it-tieni kriterju meħtieġ għas-suċċess tal-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, ċioe' li l-konvenut raġjonevolment emmen li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienet ta' interess pubbliku, ukoll huwa sodisfatt.

Kollox magħdud, it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut hija tajba u sejra tintlaqa' in kwantu ż-żewġ pubblikazzjonijiet b'mod ġenerali.

Ikkunsidrat;

---

[37] Huwa minnu wkoll illi l-konvenut ma rrapporta xejn fl-artikoli impunjati dwar il-fatt illi kien biss fuq insistenza u b'mertu tal-attriċi li l-abbużi li kienu seħħew fil-*live ins* fil-Programm Pathway tal-MCAST, kienu ġew investigati mit-tmexxija tal-MCAST u huwa minnu wkoll illi l-allegazzjoni magħmula mill-attriċi li minkejja l-konklużjonijiet ta' Bord ta' Investigazzjoni, it-tmexxija tal-MCAST baqgħet ma ħaditx azzjoni effettiva fil-konfront tal-persuni li wettqu dawn l-abbużi, kienet korretta u veritijiera. Iżda dan in-nuqqas li jiġi rapportat konklużjoni pożittiva għall-attriċi, fejn l-allegazzjoni li għamlet fir-rigward ġiet misjuba mill-Bord tal-Inkjesta li kienet korretta u veritiera, ma jfissirx li l-pubblikazzjoni hija diffamatorja jew ma saritx in buona fede.

Il-Qorti sejra issa tindirizza l-imputazzjonijiet speċifiċi li jwasslu l-istqarrijiet impunjati mill-attriċi, waħda waħda fl-isfond tax-xhieda tal-attriċi u s-sottomissjonijiet li saru fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[38]. Tqis illi dan ikun opportun minħabba d-dettall evidenti li daħal fihom il-konvenut fiż-żewġ artikoli impunjati dwar l-imġieba tal-attriċi fil-pożizzjoni tagħha ġewwa l-MCAST u r-rejazzjoni daqstant imfissra tal-attriċi fir-rigward ta' kull imputazzjoni speċifika.

Kif rajna, tinsilet l-imputazzjoni li **l-attriċi naqset milli tgħid is-sewwa taħt ġurament (sperġur) meta xehdet quddiem il-Bord tal-Inkjesta u dan l-isperġur ġie rrapportat lill-Pulizija għall-investigazzjoni**.

L-attriċi kkonfermat fix-xhieda tagħha illi qatt ma ttieħdu l-ebda passi dixxipplinarji fil-konfront tagħha. Xehdet ukoll li in segwitu għar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta, la l-Pulizija u lanqas xi ħadd in rappreżentanza ta' xi entita' oħra qatt ma għamlu kuntatt magħha u qatt ma ġiet akkużata quddiem qorti u proċessata għar-reat ta' sperġur. **Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-pubblikazzjonijiet inisslu imputazzjoni li l-attriċi ġiet proċessata jew kundannata għar-reat ta' sperġur**: infatti kif rajna, l-emfasi huwa kjarament fuq il-fatt illi "*no action has been taken against former HR manager Josephine Abdilla*".

L-attriċi qiegħda timpunja speċifikatament is-segwenti stqarrijiet fl-artiklu tat-8 ta' Awwissu 2021[39]:-

"*A top MCAST executive, whose allegations of corruption were disproved by a ministerial inquiry, was reported to the police on grounds of perjury. ... Indeed Abdilla was found to have perjured herself before the board of inquiry*"

---

[38] Nota tat-18 ta' Ottubru 2021.
[39] Ara nota tal-attriċi tal-10 ta' Novembru 2021.

Iżda minn eżami tal-provi, din l-istqarrija jirriżulta li hija sostanzjalment korretta: minn ħarsa lejn il-parti konkludenti tar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta, jirriżulta illi Bord iddeċieda li jittrasmetti r-rapport tiegħu lill-Pulizija u lill-Avukat għall-investigazzjoni u jekk ikun il-każ għall-prosekuzzjoni:-

"*... minħabba fil-gravita' ta' dak li jirriżulta lill-Bord f'dan ir-rigward, inkluż il-possibilita' li Josephine Abdilla naqset milli tgħid is-sewwa bil-ġurament ...*"[40]

Filwaqt li jista' jkun minnu illi l-attriċi baqgħet ma ġietx investigata attivament mill-Pulizija u jista' jkun ukoll illi l-Pulizija ma interrogawhiex in konnessjoni mal-irregolaritajiet fir-reklutaġġ kif ġie kostatat mill-Bord, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-istqarrijiet impunjati korrettement jirrapportaw il-fatt illi l-Bord tal-Inkjesta irrakkomanda li tintbagħat kopja tar-rapport tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali għaliex dehrlu li l-attriċi setgħet naqset milli tgħid is-sewwa taħt ġurament, nuqqas li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat ta' sperġur.

Il-fatt illi r-rapport tal-Bord ġie effettivament trasmess lill-Avukat Ġenerali jirriżulta mix-xhieda ta' Paul Bonello[41]. Bonello xehed ukoll quddiem il-Qorti illi huwa għadda kopja oħra tar-rapport lis-Segretarju Permanenti Dr Frank Fabri biex din preżumibbilment tingħata lill-Kummissarju tal-Pulizija, għaliex sal-aħħar tas-sena 2020 il-Pulizija kienu infurmawh li kienu għadhom ma nghatawx kopja tar-rapport.

Għall-Qorti, ir-rakkomandazzjoni tal-Bord li kopja tar-rapport tiegħu tiġi mgħoddija lill-Pulizija minħabba possibbilita' ta' sperġur da parti tal-attriċi u t-trasmissjoni effettiva ta' kopja tal-istess rapport lill-Avukat Ġenerali, tikkostitwixxi rapport effettiv "*to the Police on grounds of perjury*" - kif pubblikat mill-konvenut. Hu ovvju li dan ir-rapport ma sar għal ebda raġuni ħlief biex issir investigazzjoni kriminali mill-Pulizija u jekk ikun il-każ, tittieħed azzjoni kriminali fil-konfront tal-attriċi għar-reat

[40] Paġna 38 tar-rapport, fol. 172.
[41] Xhieda tat-22 ta' Mejju 2022.

sperġur, sperġur li l-Bord effettivament sab provi li seta' ġie kommess meta xehdet quddiemu.

Dan ifisser li l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fir-rigward huma stqarrijiet fattwali u kif inhuwa risaput, għas-suċċess tad-difiża tal-verita', kif ġie del resto eċċepit mill-konvenut, mhux meħtieġ li kull kelma ppubblikata hija vera iżda dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit il-verita' sostanzjali tal-essenza tal-malafama.

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att, huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att. Blackstone, fil-kummenti tiegħu dwar l-eċċezzjoni tal-verita' qabel id-dħul fis-seħħ tad-Defamation Act (2013), jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[42] *could success even if other, immaterial detasils in the offending statement were not proved to be true.*"[43]

Iktar reċentement, dawn il-prinċipji ġew riaffermat u sintetizzati hekk fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28] per Nicklin J:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the*

---

[42] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u d-dispożizzjoni statutorja korrispondenti, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[43] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act***, 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.
Skont Gately *ibid.*: "*The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth.*"

*defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*

*(ii)* ***The court should not be too literal in its approach****. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ (approving Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005] EWHC 799 (QB) at [109], per Eady J).* ***The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive****": Turcu's case, para 105*[44]." (emfasi ta' din il-Qorti)

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-konvenut irnexxielu jissodisfa wkoll l-oneru mixħut fuqu li jipprova li s-sostanza tal-imputazzjoni mnissla minn din l-istqarrija tiegħu, impunjata mill-attriċi, hija sostanzjalment vera. Il-korollarju ta' dan hu li bħala imputazzjoni li hija veritiera, din ma tistax tkun diffamatorja.

Ikkunsidrat;

Kif stabbilit, imputazzjoni oħra li tinsilet mill-artikolu impunjat hi li **l-attriċi fil-pożizzjoni tagħha ta' HR Executive, ħolqot ambjent ta' dwejjaq u tensjoni fost il-membri tal-istaff u l-għalliema, b'imġieba oppressiva u bl-użu ta' tattiċi ta' intimidazzjoni ("*bullying*") u fuq kollox kienet teżerċita pressjoni inġusta u illegali fil-proċess ta' għażla ta' għalliema ġodda biex jintgħażlu kandidati rakkomandati**.

Din l-imputazzjoni tinsilet mis-segwenti dikjarazzjonijiet impunjati espressament mill-attriċi fil-pubblikazzjonijiet tal-konvenut:-

---

[44] Fid-deċiżjoni **Turcu v. News Group Newspapers Ltd** (2005) EWHC 799 (QB) at 111 rikonoxxiet illi l-pubblikatur jista' jiġi konċess ċertu qies ta' esaġerazzjoni anke fil-kuntest ta' asserzjonijiet fattwali. F'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51]: *"... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality."*

- "*Instead the tables were turned against her: whistle-blowers came forward saying that the had been pressured by Abdilla in selecting favoured candidates for MCAST teaching jobs.*"
- "*... she exerted great pressure on interviewing board members, even forcing them to change the scores they gave to candidates during job interviews*".
- "*Abdilla even instigated them not to grade positively a female candidate who was pregnant, because the college would be forced to pay for her pregnancy leave.*"

Fl-artikolu ppubblikat fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt fit-18 ta' Awwissu 2021, insibu wkoll is-segwenti dikjarazzjoni li wkoll torbot mal-imputazzjoni in diżamina:-

- "*In the case of a particular candidate for an English lecturing post, Abdilla ordered one of the members that the candidate had to "come first", and that the rest of the interviewing board had to be told that the candidate came "strongly recommended.*"
- "*Not only was Abdilla revealed to have been a much reviled executive at MCAST due to her bullying of subordinates and confrontation with other staff and lecturers, but college top brass failed to take decisive action against her for years.*"

L-attriċi ssostni illi qatt ma ġie konkluż li hija eżerċitat pressjoni biex jintgħażlu jew ma jintgħażlux kandidati partikolari għall-pożizzjoni ta' *lecturer* jew pożizzjonijiet oħrajn, tant illi qatt ma ttieħdu passi kontriha u dawn l-istqarrijiet huma kollha inveritieri u gideb. Dikjarat ukoll illi mhux biss qatt ma kellha l-ebda ilmenti minn xi *union* jew mill-management tal-Kulleġġ iżda ġiet tabilħaqq promossa u mogħtija iktar responsabbilitajiet fl-impieg tagħha mal-MCAST.

Minn eżami tax-xhieda tal-attriċi huwa evidenti li hija ma taqbilx mal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord tal-Inkjesta fir-rapport tiegħu tal-5 ta' Marzu 2019 fir-rigward tal-imputazzjonijiet li jitnisslu mid-dikjarazzjonijiet elenkati minnha. Madankollu, għandu jingħad illi l-azzjoni għal malafama m'hijiex intiża biex jiġi mistħarreġ jew stabbilit jekk il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta kienux korretti, jew biex jinkiseb pronunzjament ġudizzjarju li l-attriċi kellha raġun fl-allegazzjonijiet li hija għamlet lill-Ministru dwar irregolaritajiet fl-operat tal-MCAST. L-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'kawża bħal din huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija tal-konvenut ikkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, f'dan il-każ l-attriċi Josephine Abdilla.

Il-Qorti wara li fliet ir-rapport tal-Bord tal-5 ta' Marzu 2019, fl-isfond tal-istqarrijiet impunjati mill-attriċi u tax-xhieda tagħha, tqis li m'hemmx wisq dubju li l-istqarrijiet tal-konvenut bid-dettallji tal-imsemmija kondotta tal-attriċi, jirriflettu korrettement is-sostanza tal-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet tal-Bord fl-imsemmi rapport tiegħu.

Fil-fatt il-Bord, abbażi tax-xhieda li sema', irriskontra[45] provi konklussivi dwar attentati da parti tal-attriċi biex teżerċita pressjoni fuq membri tal-Interviewing Board biex jagħmlu għażla deliberatament ħażina bil-għan li jiġi favorit kandidat partikolari għal pożizzjoni ta' *lecturer* tal-Ingliż, iżda huma ma waqgħux għal din il-pressjoni, fost okkażjonijiet oħrajn fejn jirriżulta li l-attriċi intervjeniet b'mod irregolari fil-proċess tar-reklutaġġ biex issir "*diskriminazzjoni mhux konsentita mil-liġi u biex jagħtu marki foloz u fabbrikati lil kandidati indikati minnha*"[46]:-

"*Il-Bord jidhirlu li dawn ir-riżultanzi huma serji għall-aħħar. B'mod unanimu, il-Bord jagħti kredibbilita' sħiħa lil dak li qalu (xiehda partikolari) ... u ma jemminx iċ-ċaħdiet ripetuti ta' Abdilla tal-fatti kif allegat minn dawn ix-xhieda msemmija qabel. Dak li xehdu fih innifsu huwa ħażin fih innifsu, illegali u immorali. Imur kontra l-*

[45] Vide paragrafu 35 tar-rapport.
[46] Paragarfu 39.2 tar-rapport, paġna 48.

*prinċipju ta' dikjarazzjoni tad-dritt tax-xogħol fil-Kostituzzjoni, iżjed u iżjed meta dan ix-xogħol ikumn fis-servizz pubbliku. Jimmina l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-governanza pubblika. Diskriminazzjoni arbitrarja, jew influwenza mhux xierqa, anke jekk mhux għal raġunijiet ta' twemmin politiku, huma pprojibiti u għandu jsir minn kollox biex dawn jiġu evidtati, partikolarment fi proċeduri ta' għażla fis-servizz pubbliku, inkluż fl-entitajiet imwaqqfa b'liġi bħalma hu l-MCAST.*"[47]

Minn dan hu manifest li d-dikjarazzjonijiet attakkati mill-attriċi m'humiex allegazzjonijiet li ġew ivvintati mill-konvenut iżda jikkonsistu f'fatti, ossia konklużjonijiet ta' Bord li nħatar taħt l-Att dwar l-Inkjesti biex jistabbilixxi l-fatti. Għalhekk, una volta dawn il-fatti ġew debitament kostatati mill-Bord, il-qbil o meno tal-attriċi ma' dawn il-konklużjonijiet huwa ftit jew wisq irrelevanti anke għaliex l-attriċi mhux biss kellha l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha dwar l-allegazzjonijiet lill-Bord, iżda din il-verżjoni ttieħdet diġa' in konsiderazzjoni mill-Bord biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu.

Hawnhekk allura, id-difiża tal-verita' wkoll għandha tirnexxi.

Fir-rigward, imbagħad, ta' stqarrijiet li m'humiex stqarrijiet ta' fatt iżda evidentement dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut, bħal dik li l-attriċi kienet "*a much reviled executive at MCAST due to her bullying of subordinates and confrontation with other staff and lecturers"*, minn qari tar-rapport tal-Bord huwa evidenti illi din l-opinjoni tinsilet leġittimament mix-xhieda jew il-verżjoni ta' Elaine Catania, Kristabelle Buhagiar, Dr. Tyrone Grima u l-Prinċipal Steve Cachia[48] li lkoll iddeskrivew aggressjoni, *bullying*, għajjat u umiljazzjoni. Xhieda li l-Bord straħ fuqha *in toto* biex wasal għas-segwenti konklużjoni:-

"*Dan il-Bord jidhrilu li aġir irrazzjonali u distruttiv bħal dan – proprju bil-maqlub tal-kwalitajiet li għandu jkollu persuna li jmexxi r-riżorsi umani f'isituzzjoni*

[47] Paġna 37.
[48] Ara xhieda f'paġni 28 u 29 tar-rapport.

*edukattiva f'livell terzjarju – ma hemmx postu f'Malta tas-snin elfejn. Aġir bħal dan ifixkel, flok jaġevola, relazzjonijiet tajba mal-ħaddiema; lanqas jispira atmosfera ta' motivazzjoni. Dan ma kellux jiġi tollerat mit-tmexxija tal-MCAST li b'intervent korrett u f'waqtu setgħu evitaw ħafna konsegwenzi negattivi li ħolqu tbatija u preudizzju lil ħafna persuni, ibda mill-impjegati stess ...*"[49]

F'dan l-isfond, hu ovvju li l-elementi tad-difiża tal-opinjoni onesta (indikata bħala *fair comment* fir-Risposta tal-konvenut[50]), huma lkoll sodisfatti għaliex persuna onesta setgħet faċilment tasal biex tesprimi l-istess opinjoni tal-konvenut abbażi tal-"*fatt eżistenti*" konsistenti fil-konklużjonijiet fir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta.

Ikkunsidrat;

It-tielet imputazzjoni komplessiva li titnissel mid-dikjarazzjonijiet impunjati mill-attriċi, hi illi **l-allegazzjonijiet li saru mill-attriċi b'rabta ma' irregolaritajiet u korruzzjoni fl-operat tal-MCAST u li ġew investigati mill-Bord tal-Inkjesta, kienu infondati u jew fabbrikati mill-istess attriċi għal skop ta' rikatt (*blackmail*)**.

L-attriċi impunjat is-segwenti dikjarazzjonijiet li minnhom tinsilet din l-imputazzjoni:-

- *"Bribery allegation was 'joke' yet former MCAST executive may still be on payroll."*
- *"The allegation that* (Silvio Debono) *was pocketing a 'commission' from new teaching recruits was made by an ousted HR executive, Josephine Abdilla, yet she was unable to back up the claim when repeatedly asked by ministerial inquiry set up to investigate her reports."*
- *"Abdilla was unable to sustain her allegation with the board of inquiry that full-time lecturers had been paid in full despite working reduced hours, another*

[49] Paġna 28 tar-rapport.
[50] Il-Qorti diġa' affermat f'sentenzi preċedenti tagħha li fejn tiġi mqajma eċċezzjoni ta' *fair comment*, din għandha tiġi mfissra bħallikieku hija referenza għad-difiża taħt l-Artikolu 4(2) tal-Att.

*accusation that fell flat when asked by the board of inquiry to back up the claim.*"

- "*The allegation that (Silvio Debono) was pocketing a 'commission' from new teaching recruits was made by an ousted HR executive, Josephine Abdilla, yet she was unable to back up the claim when repeatedly asked by ministerial inquiry set up to investigate her reports*".
- *"The threat was interpreted as blackmail, and the ministry launched an inquiry".*

L-attriċi tinnega illi l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u irregolaritajiet oħrajn fl-operat tal-MCAST ġew imxejna, kif ġie rapportat fl-artikolu tat-8 ta' Awwissu 2021 u tikkontendi li l-irregolaritajiet li hija rapportat lill-Ministru, verament seħħew. Tinsisti wkoll illi l-provi li ressqet quddiem il-Bord, konsistenti wkoll f'dokumenti u korrispondenza, kellhom juru mod ieħor u kellhom iwasslu biex l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha, jiġu riġettati u mhux sorretti mill-Bord fir-rapport tiegħu. Fil-fatt, hija ressqet fl-atti proċesswali diversi dokumenti in sostenn ta' din il-verżjoni tagħha kif ukoll biex turi illi hija mhux biss ma kienetx parteċipi f'dawn l-irregolaritajiet iżda fir-rwol tagħha ta' HR Executive, kienet għamlet ħilitha biex tassigura li l-irregolaritajiet u abbużi li kienu jsiru taħt it-tmexxija preċedenti tal-Kulleġġ jiġu eliminati, tant illi introduċiet hija stess proċeduri u sistemi biex jiġi evitat li dawn iseħħu.

Iżda l-Qorti tirribadixxi li l-iskop tal-azzjoni tal-libell m'huwiex biex isiru jew jinkisbu korrezzjonijiet għal stqarrijiet mhux korretti jew inveritieri li setgħu saru fil-pubblikazzjoni impunjata jew biex il-persuna aggravata turi jew tipprova li l-verżjoni tagħha dwar il-fatti mertu tal-istqarrija impunjata, hija korretta jew veritiera u lanqas tista' l-azzjoni, f'dan il-każ, tintuża bħala mezz ta' appell mill-konklużjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta.

Fir-rigward tal-imputazzjoni li l-Bord ikkonkluda li l-allegazzjonijiet li għamlet l-attriċi ta' korruzzjoni, irregolaritajiet u abbużi fid-dipartiment tar-riżorsi umani qabel

żmienha u fil-proċess ta' reklutaġġ u promozzjonijiet, kienu infondati u mhux ippruvati, jirriżulta mir-rapport illi b'mod ġenerali u wara li eżamina x-xhieda u l-provi miġbura minnu, il-Bord ikkonkluda li l-attriċi mhux biss imxiet b'imġieba skorretta u xi drabi anke illegali fil-qadi ta' dmirijietha fl-MCAST iżda użat l-allegazzjonijiet u l-ilmenti li kienu saru fil-konfront tagħha minn diversi membri tal-istaff u l-amminstrazzjoni, biex tpoġġi lilha nnifisha fil-pożizzjoni tal-vittma. Barra minn hekk, l-allegazzjonijiet li hija vantat fil-korrispondenza lill-Ministru, ġew meqjusa mill-Bord bħala *"fiergħa, bla bażi u xi minn daqqiet, malafamanti."*[51]

Fil-fatt, minn eżami tar-rapport tal-Bord jirriżulta illi l-attriċi kellha xejn inqas minn ħames xhur biex tipprovdi lill-Bord provi li membri tal-istaff kienu jitħallsu għal sigħat ta' xogħol li ma jkunux ħadmu u li persuni baqgħu jitħallsu wara li jkunu telqu mill-impieg. Iżda minkejja li assigurat lill-istess Bord li kienet sejra tfittex l-informazzjoni relattiv, l-attriċi baqgħet ma tat l-ebda dettalji jew provi konkreti lill-Bord in sostenn tal-asserzjoni tagħha dwar abbuż sistematiku u illegali, għajr għal provi li juru li kien isir użu ineffiċjenti tar-riżorsi umani.

Il-Bord ikkonkluda bla tlaqliq illi:-

"*Abdilla ma ġabet l-ebda prova, imqar ta' natura l-aktar preliminari u prima facie, anke imqar jekk kienet ikkontestata, dwar din l-allegazzjoni tagħha*" u "*dan mhu xejn għajr logħob bil-kliem u jfisser li l-allegazzjoni ta' Abdilla kienet akkuża bla bażi*"[52].

Il-Bord jidher li wasal għall-konklużjoni li l-allegazzjonijiet ta' abbużi u irregolaritajiet rapportati mill-attriċi kienu nieqsa minn kredibbilita' anke għaliex hija qatt ma ġibdet l-attenzjoni tas-superjuri tagħha għal xi illegalitajiet jew kondotta irregolari, u osserva illi l-allegazzjonijiet li saru minnha segwew sensiela twila ta'

---

[51] Paġna 41, fol. 175.

[52] Fir-rigward, il-Bord, fir-rapport tiegħu iddikjara illi meta l-attriċi ġiet mistoqsija direttament "*Kien hemm tixħim jew xiri ta' influwenza?*" hija rispondiet "*Le, le, ma nafx li kien hemm.*" L-unika allegazzjoni fost l-allegazzjonijiet kollha li saru mill-attriċi u li ġew investigati mill-Bord, li ġie stabbilit mill-istess Bord li kienet korretta u veritiera hija l-allegazzjoni li ma ttieħdet l-ebda azzjoni mit-tmexxija tal-MCAST fil-konfront tal-membri tal-istaff akkademiku li nstabu li kienu wettqu abbużi matul *live-ins* li saru fil-*Programm Pathway*.

allegazzjonijiet ta' diversi impjegati fil-konfront tagħha li saru fid-dokument tas-16 ta' Lulju 2018 u għalhekk, kienu "*probabbilment motivati bħala r-rejazzjoni tagħha għall-konfront li għamlilha l-Prinċipal il-ġdid Dr. Calleja dwar id-diversi lmenti li rċieva ... dwar l-istil ta' tmexxija tagħha*".[53]

Il-Bord ikkonkluda wkoll li kellu jagħti affidabbilita' lill-verżjoni ta' Dr. Charmaine Grech Cristiano, konsulent legali mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn xehdet illi meta l-Ministru talabha tiltaqa' ma' Josephine Abdilla biex tifhem aħjar l-allegazzjonijiet li kienet għamlet lill-Ministru, l-attriċi qaltilha "*ħalluni fil-kwiet u ħallsuni: jien naf ħafna affarijiet li jistħgu jkunu antipatiċi u skomdi; iġġibunix f'dik is-sitwazzjoni*", kliem li hija fehmet bħala rikatt. F'dan l-isfond, l-użu tal-kelma blackmail ("*The threat was interepreted as blackmail*") da parti tal-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata kien leġittimu u raġjonevoli.

Imbagħad, fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' tixħim li saru fil-konfront ta' Dr. Silvio Debono u b'referenza speċifikatament għat-titolu tal-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2021 **"*Bribery allegation was a joke*"**, l-attriċi fix-xhieda tagħha ċaħdet bil-qawwa li hija qatt qalet lill-Bord li kienet qed tiċċajta fir-rigward tal-allegazzjoni ta' tixħim u fissret li x'aktarx kienet qalet li din kienet qlajja li bdiet tiċċirkola meta Dr. Debono kien issottometta r-riżenja tiegħu fost spekolazzjoni oħra.

Fil-korp tal-artikolu, il-konvenut irrapporta illi kienet l-attriċi li allegat li Silvio Debono kient qed jesiġi l-ħlas ta' salarju ta' xahar bħala *commission* u quddiem il-Bord, "... (w)*hen asked to provide evidence for her allegation, Abdilla later retracted the serious accusation: "It's a joke", she told the inquriy, denying that De Bono had taken such a bribe.*"

Fir-rigward, il-Bord iċċita fir-rapport tiegħu is-segwenti bran mix-xhieda mogħtija mill-attriċi quddiem l-istess Bord in konnessjoni mal-allegazzjoni ta' tixħim da parti ta' Dr. Debono:- "*it's a joke*" u "*qed tiċċara li mhix qed tagħmel l-ebda allegazzjoni*

[53] Ara paġna 40 tar-rapport.

*illi Silvio De Bono kien qed jirċievi xahar paga f'forma ta' kummissjoni mingħand ir-rekluti ġodda tal-MCAST*".

Jirriżulta illi l-Bord sema' x-xhieda tal-istess Dr. Silvio Debono kif ukoll ta' Stephen Cachia fir-rigward u rrimarka illi l-attriċi ma ġabet l-ebda prova la dwar reklutaġġ skorrett u lanqas dwar l-allegazzjoni li Dr. Silvio Debono seta' rċieva xi flus b'korruzzjoni, għajr għall-fatt li hija qalet li ħassitha kostretta tirreġistra lil bintha għal kors f'istitut privat tal-istess Dr. Debono u tħallas għal dak il-kors.

Imbagħad, il-Bord wasal għas-segwenti konklużjoni:-

"*Il-Bord tal-Inkjesta, wara li wieżen ix-xhieda fuq dan l-allegazzjonijiet ta' Abdilla, u n-nuqqas tagħha li tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha meta mitluba b'mod speċifiku biex tagħmel dan, ra l-assjem ta' dak li rriżulta matul din l-Inkjesta, sema' x-xiehda ta' min kien involut u jikkonkludi li l-allegazzjonijiet ta' Abdilla dwar tixħim huma bla fondament, u aktarx motivati minn skopijiet ulterjuri...*" (emfasi tal-Qorti)

Minn dan, ma jirriżultax illi l-konvenut, fil-pubblikazzjonijiet impunjati, irrapporta ħażin il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta jew b'xi mod tgħawweġ il-kliem biex jiżvija lill-pubbliku dwar il-konklużjonijiet tal-istess Bord. Għall-Qorti, ir-rapportaġġ tal-konvenut ma jiddipartixxi bl-ebda mod sostanzjali mill-konklużjonijiet tal-Bord: għall-kuntrarju jirriproduċi korrettement il-kliem tal-Bord innifsu f'paġna 20 u paġna 21 tar-rapport tal-Bord. Barra minn hekk, il-Qorti ma riskontrat l-ebda imputazzjoni fir-rapportaġġ tal-konvenut fir-rigward, li l-attriċi qalet lill-Bord li kienet hi stess li ħarġet b'din l-allegazzjoni biex tiċċajta, iżda mill-bran in diżamina, hija fehmet li l-attriċi sempliċement esprimiet il-fehma li allegazzjoni bħal din ma setgħetx tittieħed bis-serjeta' iżda bħala ċajta.

Minn dan jirriżulta li kien raġjonevoli għall-konvenut li jirrapporta li l-Bord tal-Inkjesta iddeċieda li l-allegazzjoni ta' tixħim kienet "*a joke*", bħalma hija wkoll raġjonevoli d-dikjarazzjoni tal-konvenut, kif rapportat fl-artikolu impunjat, illi kienet

l-attriċi li għamlet l-allegazzjoni li Silvio Debono kien qed jesiġi l-ħlas ta' *commission* mingħand għalliema ġodda.  Fil-fatt, dawn l-istqarrijiet ta' fatt jirriflettu b'mod sostanzjalment akkurat l-konklużjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta.

Dan kollu magħdud ifisser illi t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut ukoll huma f'lokhom u għandhom jintlaqgħu.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tastejni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha fl-istess Risposta u konsegwentement tiċħad *in toto* t-talba tal-attriċi, Josephine Abdilla, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**